## Dispożittiv

1) *Prattika miftiehma għandha għan antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE, meta, skont il-kontenut u l-iskopijiet tagħha u fid-dawl tal-kuntest legali u ekonomiku tagħha, tista', b'mod konkret, tirriżulta fil-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni. F'dan ir-rigward, mhuwiex neċessarju li l-kompetizzjoni tkun verament ipprevenuta, ristretta jew mgħawġa u lanqas li jkun hemm rabta diretta bejn il-prattika miftiehma u l-prezzijiet bl-imnut. Skambju ta' informazzjoni bejn il-kompetituri jkollu għan antikompetittiv jekk l-iskambju jkun jista' jneħħi l-inċertezzi eżistenti dwar l-aġir ippjanat fis-suq mill-impriżi kkonċernati.*

2) *Fil-kuntest tal-analiżi tar-rabta kawżali bejn il-prattika miftiehma u l-aġir fis-suq li fih l-impriżi jipparteċipaw, rabta li hija meħtieġa sabiex tiġi stabbilita prattika miftiehma fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE, il-qorti nazzjonali għandha, fid-dawl tal-preżunzjoni konfutabbli li teżiġi li huma l-impriżi kkonċernati li għandhom jipprovaw il-kuntrarju, tapplika l-preżunzjoni ta' rabta kawżali skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li meta l-imsemmija impriżi jibqgħu attivi fis-suq huma jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni skambjata mal-kompetituri tagħhom.*

3) *Kemm-il darba l-impriża li tkun ipparteċipat fil-prattika miftiehma tkun għadha attiva fis-suq inkwistjoni, il-preżunzjoni tar-rabta kawżali bejn il-prattika miftiehma u l-aġir ta' dik l-impriża fis-suq hija applikabbli anki jekk il-prattika miftiehma tkun ibbażata biss fuq laqgħa waħda bejn l-impriżi kkonċernati.*

(1) ĠU C 92, 12.4.2008

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-11 ta' Ġunju 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administratīvā apgabaltiesa — ir-Repubblika tal-Latvja) — Schenker SIA vs Valsts ieņēmumu dienests

**(Kawża C-16/08)** (1)

***(Tariffa Doganali Komuni — Klassifika tat-tariffi — Nomenklatura magħquda — Apparat ta' matriċi attiva ta' kristall likwidu)***

(2009/C 180/21)

*Lingwa tal-kawża: Il-Latvjan*

### Qorti tar-rinviju

Administratīvā apgabaltiesa.

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Schenker SIA

*Konvenuta:* Valsts ieņēmumu dienests

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Administratīvā apgabaltiesa — Interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, p. 1) — Apparat ta' matriċi attiva ta' kristall likwidu (LCD) — Klassifikazzjoni fl-intestatura 8528 21 90 jew 9013 80 20 tan-nomenklatura magħquda — Oġġett li jippreżenta jew le l-karatteristiċi essenzjali ta' prodott komplut jew mitmum.

### Dispożittiv

*Is-subintestatura 8528 21 90 tan-Nomenklatura Magħquda li tikkostitwixxi l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003, tal-11 ta' Settembru 2003, għandha tiġi interpretata fis-sens li, fid-29 ta' Diċembru 2004, l-imsemmija subintestatura ma kinitx tapplika għall-apparat ta' matriċi attiva ta' kristall likwidu (LCD) li huwa kompost prinċipalment mill-elementi li ġejjin:*

- *żewġ folji tal-ħġieġ;*
- *saff ta' kristalli likwidi mdaħħla bejn il-folji;*
- *signal drivers vertikali u orizzontali;*
- *unità ta' dawl minn wara l-iskrin;*
- *power supply li jiġġenera vultaġġ għoli għall-unità ta' dawl minn wara l-iskrin, u*
- *ċentru ta' kontroll — interface ta' trażmissjoni ta' data (PCB jew PWB tal-kontroll) li jassigura t-trażmissjoni sekwenzjali tad-data lil kull pixel (punt) tal-modulu LCD permezz ta' teknoloġija speċifika — LVDS (sinjal differenzjali b'vultaġġ baxx).*

(1) ĠU C 92, 12.4.2008.